SANNAT

Minuti tal-ħmistax il-laqgħa tas-seba' tal-leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis 27, ta' Mejju 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| Skużat | |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

746 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru erbatax li tkompliet fis-19 ta' Mejju 2010.

**Item 2. Mill-Minuti**

747 *(para. 631)* Il-perit Gordon Vella nkitbitlu t-tieni ittra sabiex jibgħat l-aċċettazzjoni bil-miktub dwar ix-xogħol li kien ftiehem mal-Kunsill dwar ix-xogħol konness mal-istudju tal-irziezzet fil-lokalita' ta' Sannat.

748 *(para. 677)* Rigward it-tender tal-Ġbir tal-iskart, din ser tiġi ppublikata fuq l-EU Journal. Id-data tal-għeluq ta' tfiegħ tal-offerti hi l-31 ta' Awwissu 2010. Il-ġbir ser isir it-Tnejn, il-Erbgħa, il-Ħamis u s-Sibt. Il-ġbir ser isir bjen it-8.00 u 10 ta' filgħodu. Il-*Bins on wheels* ser jitbattlu bejn it-8.00 u d-9.00 ta' filgħodu kuljum. L-iscamel irid ikollu miżien biex jiżen l-iskart bejn Kunsill u ieħor. It-*tender documents* jinġabru u jinxteħtu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Tal-Munxar. Il-kuntratt jibda mill-1 ta' Jannar 2011.

749 *(para. 679)* Wara li l-ETC ġew infurmati bil-miktub rigward il-ħaddiem tal-C.W.S. li spiċċa mill-iskema. Huma qalulna li ser jibagħtu wieħed floku, hekk kif jiġu ngaġġati nies oħra fl-iskema. Il-Kunsill qabel li Claudio Cini jintalab jirritorna l-materjal tas-safety lura lill-Kunsill.

750 *(para. 717)* Dwar l-inteview daħlu numru konsiderevoli ta' applikazzjonijiet. L-applikazzjonijiet jagħlqu fit-3 ta' Ġunju 2010.

751 *(para. 721)* L-imbarazz li kien hemm fi Triq it-20 ta' Lulju tneħħa wara li ġew il-gwardjani. Kien hemm karozza li twaħħlitilha n-*notice* biex titneħħa u baqgħet hemm. Il-Kunsill qabel li din titneħħa billi tinkiteb ittra lill-ispettur tal-pulizija li hemm *derelict vehicle* li hemm bżonn titneħħa.

752 *(para. 720)* Rigward il-*main stage* mhux possibbli li dan jitpoġġa ħdejn id-dar tal-Arċipriet. Għandhom jinxtraw *reflectors* għal mal-ġebel tal-istage biex ma jkunx ta' periklu għat-traffiku. Charlie Gauchi għandu jieħu ħsieb tal-stage. Għandu jinxtara d-drapp biex isir screen għal waqt din l-attivita' biex ikun possibbli li jintwera l-kollegament ma' Pisoniano. Sar *advert* fuq it-televiżjoni. Is-Soċjeta Mużikali Santa Margerita għandhom jarmaw il-bandalori fil-pjazza u jingħataw €400 tax-xogħol li jkunu għamlu. Il-kostumi ser jinkrew mingħand May Vassallo għall-prezz ta' €600. Il-Ħadd ser issir siegħa ħruq tan-nhar bejn il-10.30 u l-11.30 ta' filgħaxija, li ser ikun maqsum bejn blalen u nar tal-art. Il-Kunsillier Teddie Bajada għandu jieħu ħsieb tat-tqassim tal-gwardjani lokali matul l-attivita' Notte Scarlata. Ġew is-settjati l-ħinijiet għal matul it-tlett tijiem li hemm bżonn biex jingħalqu t-toroq għall-attivita'. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-iStalls li ser ikun hemm fin-Notte Scarlata suppost li jħallsu fee tal-kiosks bħal tal-festi.

753 *(para. 725)* Rigward il-pagament tal-sponsorship tal-inviti għall-kunċert mużikali *Insieme sul Calvario* li sar fil-25 ta' Marzu 2010 mis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita mhux ser jitħallas.

754 *(para. 736)* Tal-Maritime Authority responsabbli mill-iSwimmers' Zone ser jerġgħu jagħmlu s-swimmer's zone kif kienet qabel. Min-naħa tagħhom ser issir ukoll osservazzjoni tal-bajjiet u ser isiru tabelli fejn jindikaw li mal-moll jista' jintrabtu biss dgħajjes biex iħottu jew jgħabbu għal 3 minuti biss. L-Awtorita' għandha tnaqqas ukoll l-*Speed limit* fil-bajjiet minn 20k għal 10k fis-siegħa.

**Item 3. Korrispondenza**

754 L-inġinier Bajada bagħat email biex jixtru ż-żebgħa ħalli jiżbgħu ir-railings u l-ħitan tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini. L-inġinier Bajada għandu jiġi nfurmat li r-railings għandhom jinżebgħu ħodor u bojod kif huma llum.

755 Dr. Fr. Bezzina nforma lill-Kunsill li ser joħroġ ktieb b'isem Heritage, Images, Memory of European Landscapes li għandu parti tittratta dwar Mgarr ix-Xini Regional Park. Hu rrakkomanda li jinxtara kopja tiegħu mill-Kunsill Lokali ta' Sannat u tax-Xewkija. Il-Kunsill qabel li jixtri dan il-ktieb għal librerija.

756 Ittra mill-MEEF rigward konferenza li ser issir fit-12 ta' Ġunju rigward *Collage Network System*.

757 Invit mill-Kunsill tax-Xagħra għal attivita' *Taste of summer* ħdejn l-għar ta' Kalipso nhar is-Sibt, 12 ta' Ġunju fis-6.30 p.m.

758 L-AKL bagħtet kopja tal-Avviż Legali 119 li jirrigwardja l-Att dwar il-liċenzji tal-kummerċ.

759 Stedina mill-*National Commission for the Promotion of Equility* dwar seminar li ser isir mill-NCPE fl-4 ta' Ġunju 2010.

SANNAT

760 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward numru ta' dokumenti dwar informazzjoni minn kumpaniji/aġenziji pubbliċi biex wieħed ikun jista' jagħmel kuntatt magħhom.

761 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward is-sehem fi programmi edukattivi mmaniġġjati mill-EUPA.

762 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward informazzjoni fuq *The EU-Management and Audit Scheme* (EMAS) li hija għodda biex tkejjel u ttejjeb il-qagħda ambjentali fl-iżvilupp sostenibbli tal-lokalitajiet tagħna. Ser issir laqgħa nhar is-Sibt, 5 ta' Ġunju bejn id-09.00a.m. u 10.00a.ma fil-Kunsill Lokali tan-Nadur.

763 Proposti minn George Azzopardi rigward l-Open Days f'Għar ix-Xih fit-tieni ġimgħa ta' Lulju u Tal-Loġġa fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu.

**Item 4.Kwotazzjonijiet għal xogħol ta' wrought iron fl-uffiċċini tal-kunsill l-ġdid.**

764 Kwotazzjoni 01/2010 għal *galvanized wrought iron fence* għal quddiem il-Kalkara tal-Ġir.

Il-perit għamel ir-rapport tiegħu rigward il-kwotazzjonijiet li nxteħtu għal dan ix-xogħol. Fir-rapport ġie nnutat li Nicholas Cini kellu żball fit-total, fejn flok €2,838 it-total ried jkun €2,832. Fir-rigward ta' Ruben Camilleri ġie nnutat li kellu żball fit-total fejn flok €2,444.92 it-total ried jkun €1,626.28ċ. L-irħas waħda kienet ta' Joe Sciberras għall-prezz ta' €1,296. Il-perit irrakomanda li nikkuntatjaw lil Joe Sciberras u f'każ li ma jkunx irid jagħmilha tingħata lil Ruben Camilleri li kienet l-irħas waħda wara dik ta' Joe Sciberras għall-prezz ta' €1,626.28. Il-Kunsill qabel li jikteb ittra lis-Sur Joe Sciberras u jingħata żmien ġimgħa biex jikkonferma li aċċetta li jagħmel ix-xogħol. F'każ li ma jikkonfermax fiż-żmien stipulat dan ix-xogħol jingħata lil Ruben Camilleri.

765 Kwotazzjoni 02/2010 għal *Galvanized wrought iron balcony* railings għall-Uffiċċju l-ġdid.

Il-perit għamel ir-rapport tiegħu rigward il-kwotazzjonijiet li nxteħtu għal dan ix-xogħol. Fir-rapport ġie nnutat li John Cini kellu żball fit-total, fejn flok €2,767.50ċ it-total ried jkun €3,107.90ċ. Fir-rigward ta' Ruben Camilleri ġie nnutat li kellu żball fit-total fejn flok €2,890 it-total ried jkun €5,032.40ċ. L-irħas waħda kienet ta' Joe Sciberras għall-prezz ta' €1,536. Il-perit irrakomanda li nikkuntatjaw lil Joe Sciberras u f'każ li ma jkunx irid jagħmilha tingħata lil Cisju Attard li kienet l-irħas waħda wara dik ta' Joe Sciberras għall-prezz ta' €2,833.70ċ. Il-Kunsill qabel li jikteb ittra lis-Sur Joe Sciberras u jingħata żmien ġimgħa biex jikkonferma li aċċetta li jagħmel ix-xogħol. F'każ li ma jikkonfermax fiż-żmien stipulat dan ix-xogħol jingħata lil Cisju Attard.

766 Kwotazzjoni 03/2010 għal Galvanized *wrought iron stairs railing* għall-Uffiċċju l-ġdid.

Il-perit għamel ir-rapport tiegħu rigward il-kwotazzjonijiet li nxteħtu għal dan ix-xogħol. Fir-rapport ġie nnutat li John Cini kellu żball fit-total, fejn flok €3,500 it-total ried jkun €3,499.92. Fir-rigward ta' Ruben Camilleri ġie nnutat li kellu żball fit-total fejn flok €8,795 it-total ried jkun €8,794.80ċ. L-irħas waħda kienet ta' Joe Sciberras għall-prezz ta' €1,560. Il-perit irrakomanda li nikkuntatjaw lil Joe Sciberras u f'każ li ma jkunx irid jagħmilha tingħata lil Lawrence Farrugia li kienet l-irħas waħda wara ta' Joe Sciberras għall-prezz ta' €3,120.

Il-Kunsill qabel li jikteb ittra lis-Sur Joe Sciberras u jingħata żmien ġimgħa biex jikkonferma li aċċetta li jagħmel ix-xogħol. F'każ li ma jikkonfermax fiż-żmien stipulat dan ix-xogħol jingħata lil Lawrence Farrugia.

**Item 5. Tiġdid tal-Kuntratti**

767 Kuntratt Avukat

Il-Kunsill qabel li jġedded l-kuntatt tal-Avukat Grazio Mercieca bħala konsulent legali tal-Kunsill għal sena oħra.

768 Kuntratt Perit

Il-Kunsill approva l-kuntratt tal-Perit Edward Scerri għal sena oħra għar-raġuni li għandu ħafna proġetti mibdija u jrid jispiċċa x-xogħol tagħhom bir-responsabiltajiet kollha li jirrikjedu dawn il-proġetti.

769 Il-kuntratt tat-tindif tal-ġonna pubbliċi ser isir mill-ħaddiema tal-Community Works Scheme. Rigward il-kuntratti tal-latrina pubblika u tal-knis tat-toroq urbani, il-Kunsill qabel li joħroġ sejħa għall-offerti. Il-persuni li għandhom dawn il-kuntratti għandhom jiġu mgħarrfa li l-kuntratti konċernati tagħhom mhux ser jiġġeddu. Riġward l-offerta tal-Knis tat-toroq urbani saret proposta mis-Sindku li r-raħal jinqasam f'żewġ żoni sabiex jinżamm iktar nadif. Peress li l-lokalita' mhix kbira meta jitnaqqsu t-toroq arterjali li huma Triq Sannat, Pjazza Santa Margerita u Triq Ċenċ, il-Kunsill qabel li din toħroġ f'offerta waħda. Ix-xogħol irid isir matul il-ġurnata normali tax-xogħol u l-kuntrattur irid jikteb kuljum kull fejn imur inaddaf.

770 Il-Kunsill qabel ukoll li ssib persuna li bi ħlas tieħu ħsieb li fil-festi pubbliċi jittellgħu l-bnadar mal-arbli li hemm f'Sannat Junction.

**Item 6. Materja oħra**

771 Il-Kunsill kien mistieden għal Celebration Day ta' l-Iskola Primarja Sannat li saret nhar il-Gimgħa, 21 ta' Mejju 2010. Il-Kunsill bħal snin oħra qabel li jingħatalhom €115 f'kotba.

772 Il-librara qalet li l-lista tal-kotba fl-aħħar tal-gimgħa ser jkunu lesti. Din kellha tara li kotba li diġa għandna ma tordnax kopji bħalhom.

773 Xi ħadd ta' daqqa ta' vettura lit-tabella *Light vicheles only* fi Triq it-28 ta' April 1688. Sar rapport anonimu bit-telephone li din l-ħsara saret minn trakk. Il-persuna ma riditx turi isimha. Il-Kunsill qabel li telefonati anonimi ma għandhomx jiġu aċċettati.

774 Is-Sindku ppropona li jsiru *double yellow lines* fi Triq Xabbata kantuniera ma' Triq Marsilja. Dwar dawn id-*double yellow lines* għandu jiġi studjat xi jkun l-aħjar li jsir.

775 Is-Sindku semma li fi Triq Xabbata hemm rampa ta' post li għandu l-garaxx taħt l-art li hi perikoluża. Il-Kunsill għandu jara ta' min hi din l-proprjeta' sabiex s-sid jintalab jirranġa din ir-rampa għaliex hi ta' periklu.

776 Il-Kunsill qabel li l-arbli li hemm jiċċekknu sabiex ikunu jistgħu jitpoġġew fil-garage.

**Item 7. Ilment**

777 Ilment ta' Frankie Apap ta' St. Margaret, Triq Gerxija. Dan ilmenta li minn Triq Gerxija jgħaddu inġenji kbar. Fejn joqgħod hu hija dejqa ħafna u hu qed jitlob sabiex isiru *double yellow lines* biex ma jipparkjawx vetturi u b'hekk ikunu jistgħu jgħaddu dawn l-inġenji kbar fil-kundita. Il-Kunsill għandu jivverifika dan l-ilment.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal 9 ta' Ġunju 2010 fis-7.30 ta' filgħaxija.

Arthur Bajada — Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella — Sindku